MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Numru 23/2013

Il-Pulizija
(Spettur Daryl Borg)

vs

Sylvain Preziosi
Diego Baussan

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 091049200017 u 120949100489, akkuzati talli nhar l-10 ta’ Jannar, 2013 ghall-habta tal-05.00a.m. gewwa San Giljan u f’dawn il-Gzejjer:

1) volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni CRI-511 ghad-dannu ta’ Christine

Angela Salomone u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-€1,164.69, izda aktar minn €116.47 u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBF-696 ghad-dannu ta' Lewis Tabone u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-€1,164.69, izda aktar minn €116.47 u dan bi ksur tal-artiklu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBW-425 ghad-dannu ta' David Joseph Alamango u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-€1,164.69, izda aktar minn €116.47 u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel ikkomettew serq ta' tabella, liema serq huwa aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Matt Marshall u terzi persuni ohra.

5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur globali ma jeccediex l-€232.94, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghawhom jew imexxuwhom u dan ai terminu tal-artiklu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) volontarjament kisru il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi flok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kien fi stat ta’ sakra u dan bi ksur tal-artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputati mal-prezentata jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anke wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet kollha hlief ghall-hames akkuza li hi in alternattiva ghar-raba’.

Rat l-Artikli 18, 17(d), 325(b), 284, 285, 338(dd), 338(ee) u 338(ff).

Tikkundanna lil kull imputat ghal disa’ xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum. Ukoll bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28H tikkundannahom li mhux oltre sitt xhur mill-lum ihallsu l-ammont ta’ €1,989 biex ikopru l-hsara li kkagunaw lid-danneggjati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------